**MALTA**

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**
**MAGISTRAT Dr IAN FARRUGIA LL.D**

**Illum 6 ta' Dicembru 2022**

**IL-PULIZIJA**
**(Spettur Sarah K. Zerafa)**
**(Spettur Hubert A. Cini)**

**Vs**

**NICHOLAS CATANIA**

Kump Nru.1/2020

**IL-QORTI;**

Rat illi l-imputat, **Nicholas Catania**, detentur tal- karta tal-identita' numru **148882M** fejn gie akkuzat talli b'd-diversi atti magħmulin minnu ukoll jekk fi żminijiet differenti, ikunu jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi, u jkunu ġew

magħmula b'riżoluzzjoni waħda u dan bi ksur tal- artiklu **18 tal- Kodici Kriminali tal- Kap 9**;

1. Bejn 31 ta' Dicembru 2019 u 1 ta' Jannar 2020 ghall-habta ta' bejn 23:50hrs u 00:10 hrs minn Vjal il- Kottoner il- Fgura, ikkometta serq ta' apparat elettroniku minn vettura van tal- ghamla Toyota Toyoace bin-numru ta' registrazjoni ICA776 u/jew oggetti ohra, liema serq huwa aggravat bil-**mezz, valur, hin** u **xorta tal-haga misruqa**, liema ammont **jeccedi** il- mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94) izda inqas minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) u dan ghad-detriment ta' Adil Shlash u/jew persuni ohra u dan bi ksur tal- Artikli 261 (b) (c) (f) (g), 263, 267,270 271, 279 (a) tal-Kodici Kriminali tal-kap 9 tal- Ligijiet ta' Malta;

2. Talli fl-20 ta' Dicembru 2019 ghal habta ta' bejn 07:00hrs u 07:15hrs minn Triq Haz Zabbar il- Fgura, minn vann tal- ghamla Toyota Hino bin-numru tar- registrazjoni DCA363 ikkommetta serq basket bi cwievet, zewgt mobile phones tal- ghamla Samsung u Nokia liema ammont **jeccedi** il- mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94) izda inqas minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) ghad-dannu ta' Jesmond Debono liema serq hu aggaravat bil-**mezz, valur,** u **xorta tal-haga misruqa** u dan bi ksur tal- artikli 261 (b) (c) (g), 263, 267,271, 279 (a) tal-Kodici Kriminali tal- Kap 9 tal- Ligijiet ta' Malta;

3. Talli fl-10 ta' Dicembru 2019 ghal habta ta' bejn 16:15 hrs u 16:45 hrs minn Vjal il- Kottoner il- Fgura seraq ta' basket minn vann tal-ghamla Ford TRANSIT 115 T350L RWD bin- numru tar-

Registrazjoni KBN821 li kien fih €10 kontanti, id card u licenzja tas-sewqan,, ghad-dannu ta' Duncan Paul Muscat u/jew persuni ohra liema serq aggaravat bil- **mezz**, u **xorta tal- haga misruqa** u dan bi ksur tal- Artikli 261 (b) (g), 263, 271, tal-Kodici Kriminali tal- Kap 9 tal- Ligijiet ta' Malta;

4. Talli 21 ta' Dicembru 2019 ghal habta ta bejn 15:30hrs u 16:00 hrs minn Triq Cospicua, Fgura minn fuq bankina, ikkommetta serq ta' driller li jiswa €800 serq aggravat bil- **valur** liema ammont **jeccedi** il- mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94) izda inqas minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) u dan ghad-detriment ta' Robert Borg u/jew persuni ohra u dan bi ksur tal- Artikli 261 (c), 271, 267, 279 (a) tal-Kodici Kriminali tal- kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. Talli fi 23 ta' Dicembru 2019 ghal habta ta' bejn 19:30 hrs u 23:30 hrs minn Triq Haz-Zabbar, il- Fgura seraq basket minn vettura tal-ghamla Opel Astra bin- numru tar- Registrazjoni TON327 li kien fih hwejjeg, ghad-dannu ta' Antonio Zarb u/jew persuni ohra liema serq aggaravat bil- **mezz**, u **xorta tal- haga misruqa** u dan bi ksur tal-Artikli 261 (b) (g), 263, 271, tal-Kodici Kriminali tal- Kap 9 tal- Ligijiet ta' Malta;

6. Talli fil-21 ta' Dicembru 2019 ghal habta ta' bejn 17:00 hrs u 22:00 hrs minn Triq Sant' Antnin il- Fgura seraq basket minn vettura tal-ghamla Maruti 800 bin- numru tar- Registrazjoni FBO662 li kien fih hwejjeg u ikel, ghad-dannu ta' Costantino Micallef u/jew persuni ohra liema serq aggaravat bil- **mezz**, u **xorta tal- haga misruqa** u

dan bi ksur tal- Artikli 261 (b) (g), 263, 271, tal-Kodici Kriminali tal-Kap 9 tal- Ligijiet ta' Malta;

7. Talli fi 7 ta' Dicembru 2019 ghal habta ta' bejn 07:00hrs u 07:45hrs minn Triq Ghajn Dwieli, Paola, minn vettura tal-ghamla Toyota Vitz bin-numru tar- registrazjoni GBW474 ikkommetta serq ta' basket bi cwievet, mobile phone tal- ghamla Samsung J7, Kindle tablet u madwar elfejn (2,000) euro fi flus liema ammont **jeccedi** il- mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94) izda inqas minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) ghad-dannu ta' Tracy Cioffi liema serq hu aggaravat bil-**mezz, valur,** u **xorta tal-haga misruqa** u dan bi ksur tal- artikli 261 (b) (c) (g), 263, 267,271, 279 (a) tal-Kodici Kriminali tal- Kap 9 tal- Ligijiet ta' Malta;

8. U aktar talli fl-istess, dati, hinijiet, lok u cirkostanzi kiser il-liberta provizorja billi naqas milli jhares il-kundizzjoniet li gew imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati ta' Malta, Magistrat Dr. Anthony Vella LL.D.b'digriet moghti nhar il-25 ta' Gunju 2018 u mill- Imhallef Antonio Mizzi LLD b'digriet moghti nhar id-09 t'Awwissu 2018 fosthom li ma jikkomettix reat iehor ta` natura volontarja, jirrinkaza d-dar bejn 22:00pm u 07:00am u jiffirmha l- Ghassa tas- Siggiewi kuljumk bejn 08:00hrs u 17:00hrs.

Il-Qorti hija gentilment mitluba tirrevoka is-somma msemmija fl-obligazzjoni tal-garaznija liema somma totali ta' 200 Euro (€200) u ta' 6,000euro rispettivament, ghandha tigi mghoddija favur il-gvern ta' Malta kif ukoll tirrevoka l-helsien mill-arrest ta' l-imsemmi Nicholas Catania u

tordna l-arrest mill-gdid ta’ l-imsemmi Nicholas Catania kif stipulat fl-artikolu 579 tal-Kodici Kriminali tal- Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Il-Qorti hija mitluba li titratta lill-imputat bhala recediv ai termini ta’ l-artikoli 49, 50 u 289 tal- Kapitolu 9 tal-ligijiet ta’ Malta, meta hu kien gie misjub hati u ikkundannat ghall-reati, liema sentenzi saru defenittivi.

Il-Qorti hija ukoll mitluba sabiex f’kaz ta’ htija tikkundanna lill-imputat ghall-hlas ta’ spejjes li jkollhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta’ Malta.

Semghet lill-ufficjal prosekutur bil-gurament;

Rat il-kunsens ta` l-Avukat Generali tat-2 ta’ Jannar, 2020, sabiex din il-kawza tigi trattata u deciza bir-rit sommarju;

Rat l-atti u d-dokumenti;

Qieset id-depozizzjonijiet tax-xhieda mressqa f’dan il-procediment;

Semghet l-ammissjoni inkondizzjonata tal-imputat fl-udjenza ta` llum stess ghall-imputazzjonijiet kif migjuba kontra tieghu u l-insistenza f’din l-ammissjoni wara li kien inghata iz-zmien skond il-Ligi sabiex jirrikonsidra tali ammissjoni;

Qieset dak ivverbalizzat fl-udjenza ta` llum stess fejn l-imputat iddikjara li kellu bizzejjed zmien biex jerga jirrikonsidra u li fehem sewwa n-natura ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u li fehem wkoll li l-ammissjoni

tieghu, kif fehmitu din il-Qorti fl-udjenza, kellha ggib konsegwenzi serji fil-piena.

Semghet is-sottomissjonijiet finali dwar il-piena.

**Ikkunsidrat;**

Illi in vista ta' din l-ammissjoni, u la darba ma hemm xejn x'jindika lil din il-Qorti li ma ghandhiex toqghod fuq tali ammissjoni, u wara li qieset sew l-atti, liema atti huma abbundanti u lkoll igibu legittimament lill-imputat passabbli ghar-reati addebitati lilu, l-Qorti m'ghandiex triq ohra hlief li tghaddi ghad-dikjarazzjoni ta` htija skond l-ammissjoni tieghu.

**Ikkunsidrat;**

Illi in tema ta' piena din il-Qorti qed tqis l-ammisjoni tal-imputat, n-natura serja ta` l-imputazzjonijiet, il-kondotta tieghu li hija wahda refrattarja, il-fatt li huwa recidiv, u l-fatt, kif imressaq fis-sottomissjonijiet orali fl-udejnza tallum stess, illi l-imputat qed jirrifletti dwar il-possibilita` li jaghmel programm ghar-riabilitazzjoni mill-problema tal-konsum tad-droga. Dawn il-konsiderazzjonijiet kollha qed jigu riflessi fil-piena ikkontemplata.

**KONKLUZJONI.**

**Ghal dawn il-motivi din il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 17, 18, 31, 49, 50, 261 (b) (c) (f) (g), 263, 267, 270, 271, 279 (a), 289, 533 u 579 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, issib lill-imputat Nicholas Catania hati, bhala recidiv, fuq ammissjoni tieghu stess, tal-imputazzjonijiet kollha kif**

**dedotti kontra tieghu u tikkundannah komplessivament ghall-<u>piena ta` tletin (30) xahar prigunerija</u>.**

Il-Qorti tirrakkomanda lid-Direttur CCF sabiex l-imputat jinghata kull ghajnuna ghar-riabilitazzjoni mid-droga.

Dr Ian Farrugia LLD
Magistrat

Marica Mifsud
Deputat Registratur